MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 4/2001/1

**Bugeja Andrew**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors tal-Appell imressaq mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali fis-6 ta' Ġunju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija qiegħed jikkontesta deċiżjoni (Nru. 125/01) mogħtija fl-10 ta' April, 2001, mill-Arbitru maħtur taħt is-setgħat tal-Att X tal-1987, li permezz tagħha laqa' l-appell tal-intimat Buġeja minn deċiżjoni tal-appellant Direttur li biha kien ċaħad it-talba tal-istess Buġeja għall-għoti tal-Benefiċċju għall-Korriment;

Rat in-Nota mressqa mid-Direttur appellant fis-6 ta' Ġunju, 2001[1], li magħha kien hemm mehmuża kopja tal-inkartament tal-proċediment quddiem l-Arbitru;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-appellat Andrew Buġeja fit-28 ta' Settembru, 2001, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, tenna li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi d-deċiżjoni appellata tgħid hekk . . . . .;

"Dan l-appelll qed isir mid-decizjoni tad-Direttur fejn cahad it-talba ta' l-appellant ghall-beneficcju ghall-korriment peress li sostna li "*id-disgrazzja ma sehhitx la bhala rizultat tax-xoghol tieghek u lanqas fil-kors tax-xoghol tieghek*."

Il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2001 jaqra hekk:-

"*L-appellant spjega illi hu gie aggredit madwar tlett mili 'l barra mill-kosta Maltija. Xogholu full-time huwa ta' sajjied*."

*Is-Sur Attard jirrileva illi l-fatti kif deskritti mill-appellant mhux kontestati izda skond id-Direttur il-fatt li l-appellant korra f'dawk ic-cirkostanzi u cioe` l-feriti li sofra ma humiex marbuta direttament max-xoghol ta' sajjied*."

Artikolu 28 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali jipprovdi illi:-

"28. *(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, meta persuna assigurata li ma tkunx ghalqet l-eta` meta wiehed jirtira ssofri korriment personali minhabba*

[1] Pagg. 5 sa 15 tal-process

*f'incident li jigri minhabba jew fil-kors ta' impieg taghha jew xoghol li taghmel ghaliha nnifisha, jew ikollha xi wahda mill-mardiet specifikati fl-ewwel kolonna tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att (li tkun marda dovuta minhabba x-xorta tax-xoghol taghha), ghalhekk il-Beneficcju ghal Korriment jithallas lilha skond it-Taqsima I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att jekk f'perijodu ta' tnax-il-xahar mid-data ta' l-incident jew minn meta bdiet il-marda, tkun, minhabba fil-korriment jew fil-marda, inkapaci ghax-xoghol.*

*Izda minkejja l-fatt li xi marda bhal dik tista' ma tkunx specifikata fl-imsemmija Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, jista' madankollu jithallas Beneficcju ghal Korriment jekk id-Direttur ikun sodisfatt li l-marda tkun zviluppat minhabba fix-xoghol li tkun taghmel.*

*Izda iktar meta persuna –*

*(i) tkun skwalifikatamilli tircievi Beneficcju ghal Korriment skond is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, ghandu jkollha l-jedd taghha ghal dak il-beneficcju mnaqqas bin-numru tal-granet ta' skwalifika;*

*(ii) tinsab li qed issofri minn pneumoconiosis, flimkien ma' tuberkulozi pulmonari, l-effettiti tat-tuberkulozi jitqiesu, ghall-finijiet tal-mardiet specifikati fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, daqslikieku kienu l-effetti tal-pneumoconiosis.*

*(2) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 92 ta' dan l-Att, il-Beneficcju ghal Korriment ma jithallasx dwar incident li jigri lil persuna meta din tkun barra minn Malta, kemm-il darba l-incident jigri minhabba jew waqt l-impieg taghha jew xoghol li tkun qed taghmel ghaliha nnifisha kif specifikat fl-Artikolu 13 ta' dan l-Att jew fil-provisio li hemm ghall-paragrafu 1 tat-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att jew fil-paragrafu 2 ta' l-imsemmija Taqsima ta' l-Ewwel Skeda.*"

Id-Direttur ma jikkontestax il-fatt li l-appellant gie aggredit waqt li kien fuq xoghol fuqid-dghajsa tieghu. Ghalhekk

difficli wiehed jifhem il-motiv fid-decizjoni appellata "lanqas fil-kors tax-xoghol tieghek." L-appellant huwa sajjied full-time. Ladarba l-incident sehh fil-kors tax-xoghol tieghu japplika l-Artikolu 28 fuq citat. Il-ligi ma tirrikjediex li "l-feriti jkunu marbuta max-xoghol ta' sajjied" kif qed jippretendi d-Direttur.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jilqa' dan l-appell."

Illi l-appellant iħoss ruħu aggravat mill-imsemmija deċiżjoni għaliex jgħid li l-Arbitru ta tifsira għal kollox ħażina tal-liġi f'dak li għandu jgħodd biex persuna jkun jistħoqqilha tingħata l-Benefiċċju għall-Korriment. L-appellant jisħaq li l-liġi għandha titfisser li l-Benefiċċju għandu jingħata għal mard jew korriment imnissel minħabba jew waqt li persuna qegħda taħdem u minħabba x-xogħol li hija qegħda tagħmel u li din it-tifsira hija r-rieda tal-leġislatur. L-appellant iressaq l-argument li dak li jgħid li ġralu l-appellat ma jintitolahx għall-għoti tal-Benefiċċju;

Illi d-Direttur appellant iqis bħala "perikoluż" ir-raġunament tal-Arbitru li kull min ikorri waqt li jkun fuq xogħlu għandu jedd għall-Benefiċċju għall-Korriment, għaliex, skond l-appellant, il-Benefiċċju għandu jingħata biss lil min ikorri jew iweġġa' minħabba perikolu inerenti fix-xogħol partikolari jew minħabba n-natura nnifisha tal-ħidma li, matul medda ta' żmien, tkun wasslet għal marda jew korriment li altrimenti ma kienx iseħħ. L-appellant ifisser il-fehma li l-inċident irid ikun marbut mal-ħidma, u mhux ikun seħħ każwalment waqt li persuna tkun qegħda taħdem. Jagħlaq biex jgħid li tifsira bħalma ta l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata ma tingħata fl-ebda sistema legali ieħor dwar previdenza soċjali;

Illi għal dan l-aggravju, l-appellat Buġeja jwieġeb billi jgħid li d-deċiżjoni appellata hija msejsa sewwa fil-liġi u jistħoqqilha tiġi konfermata. Il-liġi mkien ma tgħid li persuna li tkorri waqt il-ħidma tagħha tingħata l-Benefiċċju biss jekk dak il-korriment ikun ħaġa waħda mal-għamla ta' xogħol li persuna bħal dik tkun qegħda twettaq: u la l-liġi

ma tagħmilx distinzjoni bħal dik, m'għandux jagħmilha l-appellant;

Illi mill-atti proċesswali jirriżultaw dawn il-fatti. L-appellat huwa reġistrat bħala sajjied *full time* b'kariga ta' *master* ta' opra tas-sajd reġistrata F-301. Fit-30 jew il-31 t'Awissu tal-2000, huwa kien aggredit minn terzi persuni waqt li kien ibaħħar fuq id-dgħajsa tiegħu, u ġarrab ġrieħi. Huwa applika fis-26 ta' Settembru, 2000[2], biex jingħata l-Benefiċċju għall-Korriment, imma l-appellant wieġbu fl-4 ta' Novembru, 2000[3], biex jgħidlu li t-talba tiegħu ma kinitx milqugħa għaliex "id-disgrazzja ma seħħitx la bħala riżultat tax-xogħol tiegħek u lanqas fil-kors tax-xogħol tiegħek". Fis-6 ta' Novembru, 2000[4], Andrew Buġeja appella minn dik id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru. Waqt is-smigħ tal-25 ta' Jannar, 2001, quddiem l-Arbitru, ir-rappreżentant tad-Dipartiment iddikjara li "l-fatti kif deskritti mill-appellant mhux kontestati ..."[5]. Fl-10 ta' April, 2001, ingħatat id-deċiżjoni appellata;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti sejrin jimmiraw fuq is-siwi tal-aggravju tad-Direttur appellant fil-konfront tal-Arbitru. Dawn huma konsiderazzjonijiet ta' tifsir tal-liġi u dan ukoll billi la hemm kontestazzjoni dwar il-fatt tal-inċident u lanqas, mid-dehra, dwar aspetti proċedurali, b'mod partikolari t-tempestivita' li biha l-appellat kien ressaq it-talba tiegħu lid-Dipartiment għall-ħlas tal-Benefiċċju;

Illi bħala punt ta' preċiżjoni, din il-Qorti tħoss li trid tirrileva li, fir-Rikors tal-Appell tiegħu, l-appellant ifisser b'ton spikkatament ironiku l-istgħaġib tiegħu ta' kif suppost seħħ l-inċident lill-appellat. Saħansitra jgħid li l-appellat "ġie aggredit minn xi Għarab oħra li nsertaw kienu '*stowaways*' fuq il-biċċa tas-sajd tiegħu". Din il-Qorti ma tistax tifhem minn fejn toħroġ din it-tiżwieqa tal-ġrajja, sakemm m'huwiex il-każ li xi atti li seħħew waqt is-smigħ quddiem l-Arbitru nżammu milli jitressqu man-Nota fl-atti tal-appell. Dik in-Nota tressqet mill-appellant innifsu. Minn dak li

[2] Pag. 9 tal-process
[3] Pag. 7 tal-process
[4] Pag. 13 tal-process
[5] Pag. 8 tal-process

jirriżulta, madankollu, l-appellat sa mill-bidu identifika li l-ħbit fuqu sar mill-impjegat tiegħu u hekk jirriżulta mid-dokumenti mressqa. Kif ingħad, din il-Qorti m'hijiex sejra tidħol fuq l-apprezzament tal-fatti tal-każ, ladarba d-Dipartiment innifsu, fil-proċediment quddiem l-Arbitru, ma qanqal l-ebda oġġezzjoni għall-verżjoni mogħtija mill-appellat. L-eżami waħdieni li sejra tagħmel din il-Qorti jdur madwar it-tifsir xieraq li għandu jingħata l-artikolu 28 tal-Att X tal-1987;

Illi biex persuna jkollha l-jedd li tingħata l-Benefiċċju għall-Korriment, il-liġi tistabilixxi li (a) dik il-persuna ma tridx tkun għalqet l-eta' tal-irtirar; meta (b) tkun hi stess korriet; (ċ) f'inċident li jseħħ minħabba **jew** matul l-impieg tagħha jew ħidma li tagħmel għaliha nfisha; **jew** jekk dik il-persuna (d) jkollha marda minn dawk imsemmijin fir-Raba' Skeda u li l-persuna tieħu minħabba x-xorta tax-xogħol tagħha; li (e) minħabba f'dak l-inċident jew minħabba dik il-marda ma tkunx kapaċi tagħmel xogħol (f) fi żmien ta' tnax-il xahar minn mindu jseħħ dak l-inċident jew minn mindu tfiġġ il-marda. L-inċident (ġ) irid ikun seħħ f'Malta, sakemm il-persuna ma tkunx taħdem taħt kuntratt ta' servizz barra minn Malta fil-waqt li żżomm ir-residenza ordinarja tagħha f'Malta[6];

Illi minbarra dan, (ħ) l-ebda ħlas bħal dak ma jkun dovut jekk kemm-il darba dik il-persuna tkun skwalifikata minħabba li (i) jew irrifjutat li toqgħod għal eżami mediku, jew (ii) b'għemilha dewmet il-fejqan, jew (iii) tbegħdet minn darha bla raġuni tajba. Persuna tista' wkoll tingħata l-Benefiċċju għall-Korriment jekk kemm-il darba ġġarrab marda li, għalkemm m'hijiex waħda minn dawk imsemmija fir-Raba' Skeda, tkun waħda li, fil-fehma tad-Direttur, tkun żviluppat minħabba x-xogħol li dik il-persuna kienet tagħmel;

Illi minn dawn id-dispożizzjonijiet, il-Qorti tislet il-fehma li l-leġislatur ried iżomm distinti "korriment" minn "marda". Minbarra dan, jagħraf ukoll bejn inċident li jkun seħħ minħabba impieg u inċident li jkun seħħ waqt l-impieg.

---

[6] Art. 13(1) tal-Kap 318

Dawn id-distinzjonijiet huma ta' siwi kbir fis-soluzzjoni tal-mertu tal-appell preżenti. Jidher li, filwaqt li fil-każ ta' "marda", it-tnissil tagħha jrid tassew ikun marbut sfiq mal-għamla ta' xogħol li persuna tkun qegħda twettaq, dan ma jidhirx li huwa l-każ fir-rigward ta' "korriment". Kemm hu hekk, u kif sewwa tenna l-appellat fit-Tweġiba tiegħu, il-liġi nnifisha tagħmilha ċara li persuna tista' tkun involuta f'"inċident" li jintitolaha għall-ħlas tal-Benefiċċju jekk dak l-inċident iseħħ waqt li tkun qegħda titwassal lejn jew mill-post tax-xogħol tagħha b'mezz ta' trasport provdut minn min iħaddimha[7]. Wieħed ma jridx iġebbed wisq l-immaġinazzjoni biex jifhem li, f'korriment f'ċirkostanza bħal din, it-twettiq ta' xogħol ma jidħol xejn bħala l-kawża immedjata tal-inċident: madankollu l-Benefiċċju japplika u jingħata. Mhux hekk biss, iżda l-liġi nnifisha tgħodd – għall-finijiet ta' dan il-Benefiċċju – inċident li ġġarrab persuna fil-post tax-xogħol tagħha waqt li tkun qegħda tieħu passi f'emerġenza attwali bil-ħsieb li tgħin, teħles jew tħares persuni oħrajn li jkunu ndarbu jew f'periklu, jew biex tnaqqas ħsara gravi lill-post tax-xogħol[8]. Hawn ukoll, l-ebda tifsira loġika tal-kliem tal-liġi ma tista' tintrabat mal-obbligu li l-inċident ikun seħħ minħabba xi ħaġa inerenti max-xogħol ta' dik il-persuna;

Illi hemm stabilit ukoll li "korriment minħabba inċident" jew "korriment minħabba jew fil-kors tax-xogħol" **tinkludi** marda skedata[9]. La l-leġislatur għażel li juża l-kelma "tinkludi", wera biċ-ċar li l-mard m'huwiex l-uniku inċident li jimmerita l-għoti tal-Benefiċċju għall-Korriment;

Illi, għalhekk, jidher li r-rabta li l-liġi trid bejn l-inċident u l-għoti tal-Benefiċċju tkun dik li, minħabba fl-inċident u fil-parametri fuq imsemmija, l-persuna ma tkunx tista' twettaq iżjed il-ħidma tagħha għal żmien partikolari. Dan ukoll huwa wieħed mill-għanijiet li għalihom l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali jagħti għajnuna jew benefiċċji ta' din l-għamla. Fi kliem ieħor, huwa wkoll wieħed mill-prinċipji tal-previdenza soċjali li jħares jew jgħin persuna li, minħabba f'dak li jinqalgħalha waqt jew minħabba l-ħidma

[7] Art. 28(3)(a) tal-Kap 318
[8] Art. 28(4) tal-Kap 318
[9] Art. 28(7) tal-Kap 318

tagħha, ma tkunx tista' tkompli twettaq ix-xogħol tagħha għal xi żmien. Il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant meta jgħid li l-liġi trid li l-kawża u l-għajn waħdieni tal-inċident irid ikun tabilfors ix-xogħol li dik il-persuna tkun qegħda twettaq. Lanqas ma tista' taqbel miegħu li tifsira mod ieħor tmur lil hinn mill-kelma u mill-ispirtu tal-liġi, u dan sewwasew għaliex il-liġi ma tagħlaqx il-bieb għall-għoti ta' benefiċċju għal min ikorri minħabba kawża li m'hijiex inerenti fix-xogħol ta' dik il-persuna;

Illi l-Qorti hija tal-fehma wkoll li wieħed ma jistax ifisser u japplika kif imiss id-dispożizzjonijiet tal-liġi tagħna jekk mhux ukoll fid-dawl ta' kif tfissru dawn id-dispożizzjonijiet fl-għejjun li minnhom instiltet il-liġi tagħna. Il-liġi tagħna dwar is-Sigurta' Soċjali intirtet – kultant kelma b'kelma – minn statuti tal-Parlament Britanniku u dwar il-kliem u frażijiet li wieħed isib fil-liġi tagħna, ingħataw interpretazzjonijiet awtorevoli f'għadd ta' każi quddiem il-qrati ta' dak il-pajjiż[10]. Fost dawn, wieħed isib sensiela ta' deċiżjonijiet dwar x'jikkostitwixxi "inċident li jiġri minħabba **u** fil-kors tal-impieg" ta' persuna, liema linja ta' fehmiet baqgħet tinżamm saż-żminijiet tal-lum[11]. Ta' min jgħid li, fit-test tal-liġi tagħna, hemm differenza sostanzjali minn dak li hu preskritt fl-istatut Britanniku, u dan, kif ingħad iżjed 'il fuq, billi l-liġi tagħna tagħti l-jedd għall-Benefiċċju għall-Korriment li min, fost l-oħrajn, iġarrab korriment f'inċident li jiġri minħabba **jew** fil-kors tal-impieg ta' persuna jew tax-xogħol li tagħmel għaliha nnifisha. Marbuta ma' din l-osservazzjoni, it-tifsira ta' "inċident" bħala xi ħaġa jew xi ġrajja li ma tkunx mistennija li sseħħ waqt li persuna tkun qegħda tagħmel ix-xogħol tagħha tieħu xejra usa' li tinkludi kull ġrajja mhux maħsuba jew provokata[12], għalkemm mhix għal kollox imprevedibbli[13], li fiha l-persuna assikurata tindarab u ma tkunx tista' tkompli twettaq il-ħidma tagħha għal xi żmien;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti biex tqis li l-aggravju tal-appellant m'għandux mis-sewwa u l-biżgħa murija minnu

[10] Cfr. Michael Whincup _Modern Employment Law_ (9th Edit., 1997), Chap 21, pagg. 360 ff.
[11] Ara per eżempju, ***Chief Adjudication Officer vs Faulds*** (H of L) **10.5.2000** 2 All ER 961 u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmijin, fosthom ***Fenton vs J. Thorley & Co Ltd*** [**1903**] A.C. 443
[12] ***Board of Management of Trim Joint District School vs Kelly*** [**1914**] A.C. 667
[13] ***Clover, Clayton & Co. Ltd. vs Hughes*** [ **1910**] A.C. 242

fil-kors tar-Rikors tal-Appell ma tistax titqies bħala raġuni tajba biżżejjed biex tingħata lil-liġi tifsira oħra minn dak li l-kliem ċar tagħha jrid;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ma għandux għaliex jifdal wisq dubju li fiċ-ċirkostanzi (mhux kontestati) li sab ruħu fihom l-appellat Buġeja, dak li ġarrab kien tassew korriment minħabba inċident li seħħ waqt it-twettiq tax-xogħol tiegħu kif tippreskrivi l-liġi u li, għalhekk, hija ġrajja li tagħha kien jistħoqqlu jingħata l-Benefiċċju;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali u tikkonferma d-deċiżjoni (Numru 125/01) mogħtija fl-10 ta' April, 2001, mill-Arbitru maħtur taħt is-setgħat tal-Att X tal-1987, meta laqa' t-talba tal-appellat Andrew Buġeja għall-ħlas tal-Benefiċċju għall-Korriment; u

**Tikkundanna lil**l-appellant iħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------